MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1574/1998/1

**Turista Limited gia' Wembley Motors Limited**

**vs**

**Registratur tal-Qorti**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi hi kienet inghatat, wara sejha ghall-offerti, il-kuntratt ghat-trasport tal-Imhallfin, tal-Magistrati u ufficjali tal-Qorti

ghas-snin 1994 u 1995 kif kienet hekk inghatat ghal numru ta’ snin precedenti;

Illi skond klawsola numru 3 tal-kuntratti, il-kuntratt huwa validu mid-data tal-ghoti tal-kuntratt sal-31 ta’ Dicembru tas-sena rispettiva (Dok A u Dok B );

Illi meta ghadda l-31 ta’ Dicembru 1994 kif ukoll il-31 ta’Dicembru 1995 il-konvenut kien talab lis-socjeta attrici sabiex taghti s-servizz tat-trasport de quo fl-ewwel gimghat tas-sena l-gdida pendenti r-rizultat tat-tender u l-ghoti tal-kuntratt il-gdid liema perijodu kien jispicca jiehu x-xhur;

Illi s-socjeta attrici kienet taghmilha cara illi hija lesta taghi dak is-servizz bil-kondizzjoni illi tithallas skond ir-rata specifikata fl-offerta taghha ghas-sena l-gdida liema kondizzjoni giet anke specifikata permezz ta’ ittra datata 26 ta’ Dicembru 1994 (Dok C);

Illi s-socjeta attrici ma kienet irceviet l-ebda oggezzjoni ghall-kondizzjoni minnha maghmula u tat-is-servizz mitlub;

Illi sussegwentement il-konvenut injora din il-kondizzjoni u qed jippretendi illi ghax-xhur ta’ Jannar sa Mejju 1994 ihallas bir-rata tas-sena 1993, filwaqt li ghax-xhur ta’Jannar sa Marzu 1995 qed jippretendi li jhallas bir-rata tas-sena 1994;

Illi ghalhekk kif jirrizulta mill-anness prospett markat Dok D il-konvenut ghadu debitur versu s-socjeta attrici fis-somma ta’ Lm11,797.31 ghas-servizz moghti fis-sena 1994 filwaqt, li skond ma jirrizulta mill-annesss prospett markat Dok E, il-konvenut ghadu debitur versu s-socjeta attrici fis-somma ulterjuri ta’ Lm4070.73, ghas-servizz moghti fis-sena 1995 b’kollox hmistax-il elf, tmien mija u tmieja u sittin lira u erba’ centezmi (Lm15,868.04);

Illi nosostante li l-konvenut gie interpellat diversi drabi u saru diversi trattativi, il-hlas baqa’ ma sarx u ghalhekk kellha ssir dik il-kawza;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. tikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm15,868.04 rappresentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' servizz ta' trasport provdut mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-konvenut kif fuq imsemmi;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkuzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Awissu 1995 u tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu 1998 kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

1. Illi m'hemmx bilanc x'jithallas lis-socjeta attrici peress li l-pagamenti li saru kienu ghas-saldu;

2. Illi, salv u impregudikat il-premess, l-eccipjenti qatt ma accettat li thallas rati differenti minn dawk li kienu jezistu f'dak iz-zmien, u l-anqas ma kienet awtorizzata li thallas lill-kuntrattur rati ghola minn dawk li kienu stabbiliti f'dak iz-zmien;

Rat id-dikjarrazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici u mill-konvenut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijie;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici, fic-citazzjoni, tippremetti li kienet inghatat il-kuntratt ghat-trasport tal-Imhallfin, tal-Magistrati u ufficjali ohra tal-Qorti ghas-snin 1994 u 1995. Is-socjeta attrici tkompli tippremetti li l-kuntratti relattivi huma validi mid-data tal-ghoti tal-kuntratt sal-31 ta’ Dicembru tas-sena in kwestjoni u li meta ghadda l-31 ta’ Dicembru 1994 u l-31 ta’Dicembru 1995 il-konvenut talab lis-socjeta attrici sabiex tkompli taghti s-servizzi relattivi taghha sakhemm jinghata l-kuntratt il-gdid. Is-socjeta attrici tippremetti ukoll li f’dan ir-rigward hi kienet infurmat lil-konvenut li kienet lesta li tkompli tghati s-servizzi taghha bil-kondizzjoni li tithallas skond ir-rata specifikata fl-offerta taghha ghas-sena l-gdida u din il-kondizzjoni kienet saret ukoll bil-miktub. Tippremetti ukoll li, f’dan ir-rigward, ma saret l-ebda oggezzjoni da parti tal-konvenut u ghalhekk kompliet tipprovdi s-servizzi taghha. Inoltre tippremetti li issa l-konvenut qed jippretendi li ghal dan is-servizz ulterjuri huwa jhallas bir-rati kif stabbiliti ghas-snin 1993 u 1994. In vista ta’ dan kollu s-socjeta attrici tippretendi li l-konvenut hu debitur taghha fis-somma ta’ Lm11797.31 ghas-servizzi ulterjuri mghotija fis-sena 1994 u fis-somma ta’ Lm4070.73 ghas-servizzi ulterjuri moghtija fis-sena 1995 b’kollox total ta’ hmistax-il elf, tmien mija u tmieja u sittin lira u erba’ centezmi (Lm15868.04). Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma totali;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li m’hemmx xejn x’jithallas lis-socjeta attrici peress li l-pagamenti li saru kienu ghas-saldu u li huwa qatt ma accetta li jhallas rati differenti minn dawk li kienu jezistu f’dak iz-zmien, u l-anqas ma kien awtorizzat li jhallas rati ghola minn dawk li kienu stabbiliti f’dak iz-zmien;

Jirrizulta li s-socjeta attrici kienet inghatat il-kuntratt tat-trasport tal-gudikanti u ufficjali ohra tal-Qorti ghas-snin 1994 u 1995. Dawn il-kuntratti normalment kienu jinghataw ghal sena wahda cioe’ mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Dicembru u kull sena kienet tohrog tender gdida. Jirrizulta li s-socjeta attrici, fuq talba tal-konvenut Registratur tal-Qorti, kompliet tipprovdi dawn is-servizzi kemm wara Dicembru 1994 kif ukoll wara Dicembru 1995

u dana ghal diversi xhur. Difatti jirrizulta, mill-“letters of acceptance” relattivi, li l-kuntratt tal-1994 beda jsehh mill-20 ta’ Mejju 1994 b’validita’ sal-31 ta’ Dicembru tal-istess sena.u l-kuntratt tal-1995 kellu validita’ mill-21 ta’ Marzu 1995 sal-31 ta’ Dicembru 1995. Ghalhekk ir-rati l-godda, kif accettati, kellhom jigu fis-sehh rispettivament mill-imsemmija dati tal-20 ta’ Mejju 1994 u l-21 ta’ Marzu 1995 u kellhom jibqghu in vigore sal-ahhar tal-istess sena rispettiva;

Kif gia gie rilevat is-socjeta attrici kemm ghar-rigward tas-sena 1994 kif ukoll ghar-rigward tas-sena 1995 komplet tipprovdi s-servizzi taghha wara li skada t-terminu tal-validita tal-kuntratt cioe wara li ghadda l-31 ta’ Dicembru tas-snin in kwestjoni. Il-kwestjoni hawn hi b’liema rata ghandha tithallas is-socjeta attrici ghas-servizzi hekk imsejjha “ulterjuri” li hi kompliet tipprovdi;

Is-socjeta attrici tippretendi li ghandha tithallas bir-rati kif sottomessi minnha fit-tender relattiva ghas-sena ta wara s-snin in kwestjoni. Difatti direttur tas-socjeta attrici kkonferma li l-istess socjeta kienet resqet dawn il-pretensjonijiet kemm verbalment kif ukoll bil-miktub u, f’dan ir-rigward, ghamel referenza ghad-dokument ‘C’ (fol.23) li hi kopja ta’ ittra bid-data tas-26 ta’ Dicembru 1994 li biha s-socjeta attrici informat lill-konvenut li dawn is-sevizzi ulterjuri, provduti wara li jiskadi t-terminu tal-kuntratt, kellhom jithallsu skond ir-rati kif sottomessi mill-istess socjeta attrici ghas-sena l-gdida. L-istess direttur tas-socjeta attrici kkonferma li ma kienx hemm risposta bil-miktub ghal din l-ittra pero’ verbalement ir-Regisratur tal-Qorti ta’ dak iz-zmien kien ikkonferma, appuntu, li l-hlasijiet kellhom isiru skond ir-rati l-godda. Da parti tieghu l-konvenut issa qed jippretendi li dawn il-hlasijiet kellhom ikunu skond ir-rati miftiehma ghas-sena ta’ qabel;

Jidher li l-prattika tad-dipartimenti governativi, f’kazjijiet bhala dawn, jekk it-tender ghas-sena l-gdida ma jkunx ghadu nghata, hi li d-Dipartiment koncernat jitlob lill-Ministeru tal-Finanzi jew lill-awtorita’ kompetenti, biex jiggedded il-kuntratt li jkun “in vigore” sakhemm ma jinghatax il-kuntratt il-gdid jew alternattivament li l-Kap

tad-Dipartiment koncernat jghati l-kuntratt b'direct order wara li l-istess Kap ikun ikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti cioe' mal-Ministeru tal-Finanzi;

In effett dawn iz-zewg alternattivi huma in konformita' mal-fatt li l-kuntratt precedenti jkun skada u ghalhekk ma jkunx ghadu effettiv. Dawn l-istess zewg alternattivi, ovvjament, jippresumu li jkun hemm ir-rieda u l-accettazzjoni tal-kontrattur li eventwalment ser ikompli jipprovdi s-servizzi tieghu temporaneament sakhemm jinghata l-kuntratt il-gdid;

Ma jirrizultax li ghar-rigward tas-snin in kwestjoni saret xi talba da parti tal-konvenut lill-awtoritajiet kompetenti sabiex il-kodizzjonijiet tal-hlas kif kontenuti fil-kuntratti relattivi jigu estizi u dan sakhemm jigi akkordat it-tender ghas-sena l-gdida. Ghal kuntrarju jirrizulta li s-socjeta attrici informat lill-konvenut li ma kienx behsiebha tipprovdi servizzi ulterjuri bir-rati kif miftiehma fis-sena ta qabel u li kienet lesta li tipprovdi dawn is-servizzi biss jekk il-hlasijiet ikunu skond kif sottomessi mill-istess socjeta attrici ghas-sena l-gdida;

Ir-Registratur tal-Qorti ta' dak iz-zmien, meta xehed f'dawn il-proceduri, kkonferma dan kollu u kompla jixhed li fuq din it-talba huwa kkominika ma xi ufficjali tal-Ministeru tal-Finanzi, li da parti taghhom informawh li mhux suppost li kien ser ikun hemm problemi u qalulu ukoll biex jikteb f'dan is-sens. L-istess Registratur tal-Qorti kompla jghid li b'dan kollu huwa nforma lis-socjeta attrici, li ghalhekk accettat li tkompli tipprovdi s-servizzi relattivi taghha. Ghar-rigward tal-imsemmija kopja tal-ittra esibita a fol. 23, dan ix-xhud ma eskludix li huwa seta ircieva din l-istess ittra. Jirrizulta ukoll li apparti din l-istess ittra ma sar xejn bil-miktub u kollox sar verbalment;

In vista ta' dan kollu u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, b'mod partikolari tenut kont li r-Registratur tal-Qorti ta' dak iz-zmien seta kien ser jirrinfaccja sitwazzjoni delikata li setghet twassal ghal waqfien tax-xoghol kollu tal-Qorti, jidher li r-Registratur tal-Qorti ta' dak iz-zmien, wara li kkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti, li

kkonfermawlu li l-hlasijiet setgu jsiru skond l-offerta l-gdida tal-kuntrattur, ddecieda li jghati x-xoghol tat-trasport b'direct order lill-istess kuntrattur, cioe' lis-socjeta attrici, li kien ipprovda s-servizz fil-kors tas-sena ta' qabel u dan, ovvjament, sakhemm jigi akkordat it-tender il-gdid. Fuq il-konferma tal-Kap tad-Dipartiment, cioe' tar-Registratur tal-Qorti, li l-hlas kien ser ikun skond dak li kienet qed titlob is-socjeta attrici, l-istess socjeta attrici accettat li tkompli jipprovdi s-servizzi ta' transport in kwestjoni;

F'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li l-ufficjali tal-Ministeru tal-Finanzi, li semma r-Registratur tal-Qorti ta' dak iz-zmien, ma kkonfermawx dak li qal l-istess Registratur tal-Qorti. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz pero', dak li qal r-Registratur tal-Qorti ma jistax jigi skartat jew eskluz. Li hu zgur hu li l-Kap tad-Dipartiment kien ikkonferma lis-socjeta attrici li ma kienx hemm problemi li l-hlasijiet isiru skond dak li kienet qed titlob l-istess socjeta attrici u kien fuq dan il-kliem li s-socjeta attrici accettat li tkompli tipprovdi s-servizzi ta' transport. F'dan ir-rigward hu zgur li s-socjeta attrici agiet korrettament. Jekk l-agir ta' hadd iehor ma kienx regolamentari, zgur li m'ghandiex isofri u tigi pregudikata s-socjeta attrici. F'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li ma jirrizultax li l-agir ta' xi hadd involut f'dawn il-fatti b'xi mod kien irregolari jew mhux regolamentari. Ghandu jinghad ukoll li hu normali li s-socjeta attrici assumiet li dak li sehh ghar-rigward ta' sena wahda ghandu jghodd ghas-sena ta' wara;

Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jirrizultax li s-socjeta attrici accettat xi pagamenti minnghand il-konvenut ghas-saldu ta' dak kollu li kien dovut. .Jidher inoltre li l-konvenut kien accetta, wara konsultazzjoni mal-awtorita' kompetenti, li jhallas bir-rati l-godda kif kienet qed titlob is-socjeta attrici. Ghalhekk hu zgur li dawn l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistghu qatt jigu akkolti. Minn naha l-ohra jjdher li t-talbiet tas-socjeta attrici huma gustfikati u ghalhekk jirrizulta li l-konvenut hu debitur tas-socjeta attrici fis-somma mitluba;

Fid-dawl ta’ dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenut jimmeritaw li jigu rigettati, filwaqt li t-talbiet attrici jisthoqqilhom li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ hmistax il-elf tmien mija u tmienja u sittin liri malin u erbgha centezmi (Lm15868.04) rappresentanti bilanc minn somma akbar prezz ta’ servizz ta’ trasport provdut mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-konvenut u dana bl-imhaxxijiet kollha legali mid-data li gie provdut is-servizz in kwestjoni;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------